MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 385/2001/1

John **BOXALL**

vs

Oscar **ADAMI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-8 ta' Marzu, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li l-Qorti (a) issib li l-imħarrek immalafamah bil-ħsieb li jtelliflu jew inaqqaslu ġiehu billi, waqt xandira televiżiva fi programm bl-isem "*Televixin*" trasmess fuq Net Television fl-1 ta' Marzu, 2001, qal li l-attur kien tħallas onorarju żejjed; u (b) tikkundanna lill-imħarrek iħallsu d-danni minħabba l-

“inġurja morali” u l-malafama li ġarrab. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fid-29 ta’ Marzu, 2001, li biha laqa’ għall-azzjoni attriċi billi qal li fl-ebda waqt ma għamel xi kumment fis-sens sleali jew li jipprovaw illegalment ineħħu l-ġieh tal-attur. Qal li kulma għamel kien li nqeda b’fatti u figuri li kulħadd jista’ jara u interpretahom b’mod oġġettiv;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet kemm bil-meżż tal-affidavit u kif ukoll quddiem il-Qorti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda r-reġistrazzjoni elettromanjetika tax-xandira li fiha inqala’ l-episodju mertu ta’ din il-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar libell famuż. L-attur jgħid li l-imħarrek illibellah billi, waqt xandira televiżiva li saret fl-1 ta’ Marzu, 2001, għadda rimarki dwar ħlas żejjed ta’ onorarju mħallas lill-istess attur. F’dak iż-żmien, l-attur kien is-sindku tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, filwaqt li l-imħarrek kien kunsillier fi ħdan l-istess Kunsill. L-attur qiegħed jitlob il-ħlas tad-danni għaliex jgħid li l-kliem imlissen mill-imħarrek sar bi ħsieb li jnaqqaslu l-ġieh li huwa jgawdi man-nies;

Illi l-imħarrek jiċħad li huwa għamel kummenti slejali jew li jnaqqsu l-ġieh tal-attur bi ksur tal-liġi. Huwa jżid jgħid li dak li qal kien biss li jiċċita fatti u figuri li l-pubbliku seta’ jara x’ħin irid u kulma għamel hu li ikkummenta dwarhom;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li waqt laqgħa pubblika tal-Kunsill Lokali tal-Birgu miżmuma fis-26 ta' Frar tal-2001, il-kunsilliera kienu ngħataw kopja tar-rendikont finanzjarju (*income and expenditure account*) tal-Kunsill għal dik is-sena[1]. Dan jidher li sar fid-dawl ta' talba magħmula f'Novembru tal-2000[2] lill-Kunsill mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li, fost ħwejjeġ oħrajn, kien irrakkomanda li l-Kunsill jieħu xi miżuri, fosthom dik li kull tliet xhur jevalwa l-qagħda finanzjarja tiegħu, minħabba l-qagħda finanzjarja mhix tajba li wrew il-kontijiet maħruġa fl-ewwel kwart ta' dik is-sena. Dak iż-żmien, l-attur kien is-sindku tal-Kunsill, filwaqt li l-imħarrek kien kunsillier fi ħdan l-istess Kunsill;

Illi matul l-2000, sindku kellu onorarju ta' mija u erbgħa u tletin lira Maltija u tmien ċenteżmi (Lm 134.08)[3] fix-xahar. L-imħarrek jgħid li, għal dik is-sena, l-attur ingħata ħlas żejjed billi ngħata tlettax-il (13) ħlas minflok tnax (12)[4];

Illi fit-28 ta' Frar, 2001, intbagħat *fax* bi spjega tal-ħlas tal-onorarja tal-attur matul l-2000. L-imħarrek kien wieħed fost dawk li lilu ntbagħat dak il-*fax*[5];

Illi matul programm televiżiv bl-isem ta' "*Televixin*" imxandar fuq Net TV fl-1 ta' Marzu, 2001, u li għalih kien mistieden l-imħarrek, dan għadda rimarki speċifiċi dwar il-ħlas tas-salarju tal-attur matul is-sena 2000[6]. Dak inhar stess, ħarġet stqarrija taħt il-firma tal-awditur tal-Kunsill b'tifsira u kjarifika taċ-ċirkostanzi marbuta ma' l-ħlas tal-onorarju tas-sindku u dak li kien deher fuq ir-rendikont finanzjarju mqassam lill-kunsilliera[7];

Illi fit-8 ta' Marzu, 2001, infetħet il-kawża u ftit jiem wara saret l-elezzjoni għal xi Kunsilli Lokali, fosthom dak tal-Birgu. F'Ġunju ta' dik is-sena, l-awdituri tal-Kunsill ressqu

---

[1] Dok "BCD", f'paġ. 33 tal-proċess
[2] Dok "JMB2", f'paġġ. 60 – 1 tal-proċess
[3] Li jġibu €312.32 fi flus tal-lum
[4] Xhieda tiegħu 26.4.2002, f'paġġ. 43 – 4 tal-proċess
[5] Dok "OA1", f'paġ. 28 tal-proċess
[6] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess, li hija t-traskrizzjoni tal-kliem li ngħad waqt it-trażmissjoni
[7] Dokti. "JMB1" u "OA2", f'paġġ. 23 u 29 tal-proċess

r-rapport finanzjarju għas-sena li għalqet fl-aħħar ta' Marzu[8];

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta mal-każ, il-Qorti jidhrilha li huwa ta' siwi kbir li żżomm quddiem għajnejha l-isfond tal-kwestjoni li għandha quddiemha. Il-każ tal-lum jirrigwarda xandira televiżiva b'tema politika. Jirrigwarda lment ta' malafama dwar persuna li, fiż-żmien tax-xandira, kienet (u sal-lum għadha) tgawdi kariga ta' amministrazzjoni pubblika fis-sura ta' sindku ta' Kunsill Lokali, minn persuna oħra li wkoll – bħala kunsillier fi ħdan l-istess Kunsill – kienet tagħmel parti mill-istess amministrazzjoni;

Illi jidher li l-imħarrek jilqa' għax-xilja tal-attur billi jtenni li ma kellu l-ebda ħsieb li jkun slejali lejn l-attur jew li jressaq kumment li jnaqqas mill-ġieh tal-istess attur kontra l-liġi. Huwa donnu jgħid li l-kummenti li għadda waqt it-trasmissjoni kienu kritika ġusta mibnija fuq fatti u figuri disponibbli lill-pubbliku;

Illi ma hemmx dubju li għal żmien twil ilu jingħad b'tifsira tat-tħaddim tal-liġi fir-rigward, li fejn jidħol il-qasam tal-amministrazzjoni pubblika jew politika[9], il-grad ta' kritika dwar persuna imdaħħla f'dak il-qasam huwa wieħed wiesgħa u jista' jkun aħrax u qawwi, imbasta ma jkunx imbuttat minn animu ta' ħażen maħsub biss li jagħmel ħsara[10];

Illi, kif ingħad, l-imħarrek iserraħ id-difiża tiegħu fuq il-kumment xieraq fis-sura ta' kritika tal-mod kif kienu jitħaddmu l-finanzi fi ħdan il-Kunsill Lokali li l-attur kien imexxi;

Illi ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun

[8] Dok "JMB3", f'paġġ. 62 – 3 tal-proċess

[9] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **23.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Alfred Sant vs Arnold Cassola et*** u App. Ċiv. **16.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Joseph M. Fenech vs Louis Cauchi et***

[10] App. Ċiv. **1.2.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Vella et*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.172**)

issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun[11]. Il-Qorti tifhem li din il-linja ta' interpretazzjoni meħuda mill-Qrati Maltin tista' titqies bħala rigoruża u stretta, meta mqabbla mal-fehmiet ta' awtoritajiet jew duttrina evoluta fl-aħħar żminijiet[12], l-iżjed fejn jidħol l-aspett tal-fatti li jsawru jew jagħtu l-bidu għall-kumment li jkun sar;

Illi jidher li mhux dejjem inżammet distinta d-differenza bejn l-eċċezzjoni tal-verita' tal-fatti u dik tal-kumment ġust, illi, għalkemm joqorbu lejn xulxin, jintgħarfu l-waħda mill-oħra wkoll għall-elementi essenzjali tagħhom, b'mod partikolari fejn jidħol il-fattur tal-fatti fl-artikolu jew fix-xandira impunjati[13]. B'dan il-mod huwa aċċettat li "*a writer may not suggest or invent facts, or adopt as true the untrue statements of fact made by others, and then comment on them on the assumption that they are true. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist, the defence of fair comment must fail. Comment based on matters of opinion only, which may or may not be true, equally affords no defence*"[14];

Illi ma jistax jonqos li l-kwestjoni tal-lum iddaħħal ukoll il-konsiderazzjoni tal-bilanċ li jrid jintlaħaq bejn il-jedd tal-espressjoni ħielsa kif imħarsa fil-liġi tagħna u dak mhux anqas siewi tal-ħarsien tal-privatezza tal-persuna u l-ġieh u l-fama li mistennija li jitħarsu fl-istess jedd. Kemm hu hekk, id-difiża tal-kumment ġust fi ħwejjeġ li jolqtu l-interess pubbliku hija mxebbha mat-tarka nnifisha tal-jedd tal-espressjoni ħielsa. Il-linja ta' kejl li l-liġi tagħti hi li "*all should be able to comment freely, and even harshly, so*

---

[11] Ara App. Ċiv. **27.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lino Debono vs Saviour Balzan***
[12] Ara, b'eżempju, <u>*Gatley on Libel & Slander*</u> (10th Edit, 2004), §§ 12.7 – 12. 14
[13] Ara, P.A. **6.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Eddie Fenech Adami vs Dr. Alfred Sant*** (mhix pubblikata) u App. Inf. **13.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Cachia Caruana vs Dr. Anġlu Farruġia***
[14] *Op. cit.* § 12.14

*long as they do so honestly and without malice*”[15]. Minbarra dan, l-interess pubbliku huwa aspett essenzjali għat-tressiq tad-difiża tal-kumment ġust[16];

Illi l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-kwestjoni tal-finanzi ta’ kunsill lokali u ż-żamma xierqa tal-kotba hija kwestjoni li tinteressa tassew lill-publiku in ġenerali[17]. Hija wkoll materja ta’ interess pubbliku l-kwestjoni dwar jekk l-uffiċjali pubbliċi jew awtoritajiet pubbliċi fdati bit-tmexxija tal-kunsilli jkunux qegħdin jużaw sewwa l-fondi pubbliċi li jkollhom f’idejhom. Xejn anqas ta’ interess pubbliku huma kwestjonijiet dwar jekk dawk il-fondi jkunux qegħdin jintużaw għall-għanijiet li jkunu ngħataw jew ikunux qegħdin jispiċċaw fil-but ta’ xi ħadd bla mistħoqq. Dan huwa l-qafas li wieħed irid iqis bħala kuntest li fih l-imħarrek għamel il-kumment inkriminat fix-xandira televiżiva li minnha jilminta l-attur. Biex iżżid ma’ dan kollu, mbagħad, hemm l-aspett ta’ attwalita’ tal-kumment, ladarba sar fil-qalba ta’ kampanja elettorali għall-istess Kunsill li kellha titlob il-verdett tal-elettorat ftit jiem wara;

Illi huwa mistenni li, meta titqajjem id-difiża tal-kumment ġust imsejjes fuq fatti sostanzjalment minnhom, il-kumment li jsir jingħaraf mill-fatti li fuqhom jistrieħ. Kif ingħad, “*comment in order to be justifiable as fair comment must appear as comment and must not be so mixed up with the facts that the reader cannot distinguish between what is report and what is comment ... Any matter, therefore, which does not indicate with a reasonable clearness that it purports to be comment, and not statement of fact, cannot be protected by the plea of fair comment*”[18];

Illi din hija sewwasew id-difiża mqanqla mill-imħarrek fil-każ tal-lum. Huwa jisħaq li fix-xandira, kliemu kien kumment dwar iż-żamma tal-kotba tal-finanzi tal-Kunsil tal-Birgu, imsejsa fuq il-fatti magħrufa li joħorġu minn dokumenti li jista’ jarahom min irid. Il-Qorti fliet sewwa l-provi dokumentali mressqa u x-xhieda li ngħatat, u

[15] *Op. cit.* § 12.1
[16] *Op. cit.* § 12.27
[17] *Op. cit.* § 12.31 - § 12.32
[18] Fletcher-Moulton L.J fil-kawża ***Hunt vs Star Newspaper*** (**1908**) 2 K.B. 309

minnhom toħroġ bil-fehma sħiħa li dak li ikkummenta dwaru l-imħarrek kien imsejjes fuq fatti li ġraw u li huwa bl-ebda mod ma rabathom personalment u esklussivament mal-attur. Ibda biex, fl-intervent tiegħu fil-programm hu uża l-ħin kollu l-istat plural u mhux is-singular[19], b'mod li min ried jifhem seta' jasal għall-fehma li l-irregolaritajiet li kien hemm ma sarux mill-attur u f'xi każi, saħansitra kif intwera, saru minn oħrajn qabel żmienu. Dwar il-kwestjoni speċifika u waħdanija li minnha jilminta l-attur (jiġifieri dik tal-ħlas tal-onorarju tiegħu matul l-2000), ħareġ li tassew kien hemm figuri mqassma lill-kunsillieri kollha li ma kinux jinkwadraw sewwa, tant li, fi ftit jiem, l-*accountant* tal-istess Kunsill kien ħareġ dikjarazzjoni korrettorja[20]. Din ix-xhieda sseddqet b'dik mogħtija wkoll minn ħaddieħor, fejn ħareġ ċar li d-dokumenti mqassma kienu juru li sar ħlas żejjed lill-attur (ukoll jekk fil-fatt l-attur ma kienx irċieva dak ilħlas żejjed)[21]. Fit-tielet lok, ħareġ li kien l-imħarrek innifsu li qanqal il-kwestjoni tad-diskrepanzi f'aktar minn laqgħa waħda tal-Kunsill – kif kien dmiru jagħmel – u kif, li kieku ma kienx għall-intervent tiegħu, ħadd ma kien intebah b'li kien tressaq quddiemhom u kien jibqa' għaddej kollox bla kumment[22]. Fir-raba' lok, intwera li, minħabba xi nuqqas ta' fehma mal-bankiera tal-Kunsill, ġara li xi ħlasijiet kienu ikkreditati aktar minn darba għall-istess għan, qabel ma ngħataw struzzjonijiet ċari[23] Fil-ħames lok,il-minuti tal-aħħar tliet laqgħat tal-kunsill qabel ix-xandira juru l-interventi kollha u t-tifsira tal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill kienu jixhdu li kien hemm nuqqasijiet fiż-żamma tal-kotba[24]. Fis-sitt lok, kienu l-awdituri nfushom tal-Kunsill li, tliet xhur wara x-xandira, ikkonfermaw li, matul is-sena in kwestjoni, kien hemm nuqqasijiet fil-mili tal-formoli dipartimentali, magħduda dawk marbuta mal-ħlas tal-onorarja tas-sindku[25]. Fl-aħħarnett, l-attur naqas li juri li l-kummenti tal-imħarrek kienu mmexxija bil-ħsieb tal-malizzja jew ħażen u mhux b'mottiv ieħor. Ladarba l-ħażen ikun allegat u mhux

[19] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[20] Affidavit ta' Joseph M. Beżżina f'paġ. 22 tal-proċess
[21] Xhieda ta' Alistair P. Borġ 27.2.2003, f'paġġ. 54 – 5 tal-proċess
[22] Xhieda ta' Emanuel Attard 27.2.2003, f'paġġ. 57 – 8 tal-proċess
[23] Xhieda ta' Joseph M. Beżżina 11.6.2003, f'paġġ. 69 – 70 tal-proċess
[24] Dokti "OA9" u "OA10", f'paġġ. 81, 89, 94 – 5 u 98 tal-proċess
[25] Dok "JMB3", f'paġġ. 62 – 3 tal-proċess

preżunt, kien jaqa' fuq l-attur li dak kien il-ħsieb li mexxih biex jagħmel il-kummenti li minnhom jilminta[26];

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrek innifsu ntwera li stqarr li l-attur ma rċeviex ħlasijiet aktar minn kemm kien jistħoqqlu[27]. L-attur ċaħad li hu qatt tħallas aktar minn kemm kien intitolat, iżda kien imħasseb fuq il-mod kif il-Kunsill kien wiret sistema mhux tajjeb ta' kif jinżammu l-kotba. Hemm ukoll l-ispjegazzjonijiet li ngħata l-imħarrek fil-laqgħat infushom tal-Kunsill kull meta qanqal il-kwestjoni. Hemm, imbagħad, iċ-ċirkostanza l-oħra fattwali li, minkejja l-kummenti tal-imħarrek u wara l-evalwazzjoni magħmula mill-eletturi dwar dawk il-kummenti ftit tal-jiem wara, l-attur kien konfermat b'maġġoranza qawwija fit-tmexxija tal-Kunsill, filwaqt li l-imħarrek ma ngħatax dik l-istess fiduċja mill-istess eletturi u ma seħħlux jerġa' jsib postu fil-Kunsill ta' wara;

Illi meta l-Qorti tislet dawn il-konsiderazzjonijiet kollha marbuta ma' dak li joħroġ mill-provi, hija tasal għall-fehma li l-kummenti mxandra tal-imħarrek u li minnhom jilminta l-attur ma sarux b'malizzja, iżda kienu jixhdu t-twemmin tal-imħarrek fl-interess tal-lokalita' tiegħu, u l-fehma tiegħu dwar dak li kien qed iseħħ. Seta' kienet fehma magħġuna wkoll bix-xaqliba ta' twemmin politiku personali tiegħu (li kien differenti minn dak tal-attur), iżda fil-ħsieb tal-Qorti, dan huwa eżerċizzju fejjiedi li d-demokrazija tgħożżu u tinkoraġġih. Fil-każ in partikolari, ma ntweriex li kliem l-imħarrek kien imnebbah u mmexxi minn sens ta' mibegħda personali jew ħażen maħsub biss biex iġib ħsara lill-attur;

Illi tajjeb li hawnhekk il-Qorti ssemmi l-prinċipji stabiliti f'dan ir-rigward mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'każ li kien jolqot il-qagħda f'Malta u li wkoll beda minn kwestjoni li tnisslet fi ħdan Kunsill Lokali ieħor[28]. F'dik is-sentenza ttennew il-prinċipji li ġejjin: (a) "*while freedom of expression is important for everybody, it is especially so for elected representatives of the people.*

---

[26] Gatley *op cit* § 16.19
[27] Dok "OA10", f'paġ. 98 tal-proċess u xhieda tiegħu 26.4.2002, f'paġ. 47 tal-proċess
[28] Ara Q.E.D.B. **24.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lombardo & others vs Malta*** (Applik. Nru. 7333/06)

*They represent the electorate, draw attention to their preoccupations and defend their interests. Accordingly, interferences with their freedom of expression call for the closest scrutiny on the part of the Court. ... the press fulfils an essential function in a democratic society. Although it must not overstep certain bounds, particularly as regards the repuation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest*"[29]; (b) "*The Court recalls that the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lay themselves open to close scrutiny of their words and deeds by journalists and the public at large, and they must consequently display a greater degree of tolerance. ... In a democratic system the actions or omissions of Government must be subject to the close scrutiny not only of the legislative and judicial authorities but also of public opinion. ... It follows that a local council, being an elected political body made up of persons mandated by their constituents, should be expected to display a high degree of tolerance to criticism*"[30]; (ċ) "*The Court recalls that there is little scope under article 10§2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest. ... since the matter was of general interest to the local community, the applicants were entitled to bring it to the public's attention through the press*"[31]; u (d) "*the distinction between statements of fact and value judgemets is of less significance in a case such as the present, where the impugned statement is made in the course of a lively political debate at local level and where elected officials and journalists should enjoy a wide freedom to criticise the actions of a local authority, even where the statements made may lack a clear basis in fact*"[32];

Illi meta l-Qorti tislet dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u tkejjilhom mal-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, hija tasal

[29] *Ibid.* § 53
[30] *Ibid.* § 54
[31] *Ibid.* § 55
[32] *Ibid.* § 60

għall-fehma li dak li qal l-imħarrek waqt it-trasmissjoni televiżiva kien jaqa' sewwasew fil-parametri tal-kritika ammissibbli fl-ambjent ta' klima demokratika ħajja. Tqis ukoll li dawk il-kummenti ma ngħadux fuq ħwejjeġ li m'humiex minnhom, iżda dwar ċirkostanzi li ġraw tassew għalkemm it-tifsira dwarhom kienet tista' tkun mod ieħor. Tqis ukoll li ma ntweriex li dak li qal l-imħarrek kien immexxi mill-mibagħda jew ħażen. Fuq kollox tqis li, fil-konkret, dawk il-kummenti ma ġabux ħsara lill-attur, jekk wieħed iqis li ngħadu fl-eqqel ta' kampanja elettorali għall-istess kunsill lokali fejn l-attur, ftit jiem wara, kiseb l-ogħla għadd ta' voti fil-lokalita' u reġa' nħatar sindku b'appoġġ qawwi tal-fiduċja tal-kostitwenti;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti biex issib li l-attur naqas li juri tajjeb biżżejjed li l-ewwel talba tiegħu hija tajba, għar-raġunijiet imsemmijin minnu, u għalhekk m'hijiex sejra tilntlaqa';

Illi ladarba l-ewwel talba mhix sejra tintlaqa' lanqas ma sejra tintlaqa' **t-tieni talba attriċi** billi din tintrabat ma' ta' qabilha u tiddependi minnha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma jirriżultax li l-imħarrek tassew immalafama lill-attur bil-kumment li huwa għadda waqt ix-xandira televiżiva li minnha l-attur jilminta, u dan billi l-kummenti magħmula jaqgħu fil-parametri ta' kumment ġust bi kritika ta' aspett ta' amministrazzjoni pubblika;

**Tilqa' l-eċċezzjoni tal-imħarrek** billi, fid-dawl tal-premess, hija mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi hija konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna** li l-attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------